SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 06-15

Illum It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-3.00p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħa numru 05-15 li saret nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awissu 2015 ġew moqrija u approvati. Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 4 tas-Sotto Kumitat Kultura li saret nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Awissu 2015 ġew ukoll approvati waqt din il-laqgħa.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Playing Field Equipment għall-tfal bi bżonnijiet speċjali*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvillup dwar ix-xiri ta' dan l-apparat għall-*playing field*. Huwa ġie nfurmat li għalissa għad m'hemm xejn.

### *1.1.2 Upgrading tal-wiċċ tal-Jogging Track*

Il-Kunsillier Liam Sciberras rrefera għall-minuta 4.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proposta tal-Kunsill biex l-*upgrading* tal-wiċċ tal-*Jogging Track* issir mill-Kunsill Malta għall-Isports. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibagħt *reminder* dwar din il-proposta.

### *1.1.3 Marki tat-toroq fi Triq il-Ġnien*

Il-Kunsillier Liam Sciberras rrefera għall-minuta 4.6.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk sarux il-marki tat-toroq fi Triq il-Ġnien. Ġiet innutata l-importanza li jsiru l-marki tal-*Keep Clear* quddiem kull entratura tal-blokk. Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar qal li diġa hemm it-tabelli li jindikaw li ma jistax isir *parking* quddiem l-entratura tal-binjiet iżda xorta qed ikun hemm min jipparkja fl-entratura u jimblokka l-passaġġ.

### *1.1.4 Tindif ta' Gutters*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li innota li x-xibka li kien hemm fil-*gutters* issa tneħħiet. Huwa kompla jgħid li issa hemm bżonn li jitħamlu l-entraturi ta' dawn il-*gutters* li għandhom il-gradilji tal-ħadid.

### *1.1.5 Memo SLLC 26-2015*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal *memo* li ntbagħtet il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2015, u staqsiet għalfejn inħass il-bżonn li tinbagħt din il-*memo* meta hemm il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita' li jirregolaw il-permessi li jinħarġu għal użu tal-Ġnien bħala *venue* għal attivitajiet privati. Is-Sindku wieġeb li kien irċieva telefonata l-Ġimgħa filgħodu u talab li toħroġ *memo.* Huwa qal li min kera l-ġnien ser jiġi jħallas skond il-*Bye-Laws*.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-uniċi *concessions* li għandhom jingħataw għall-użu tal-ġnien mingħajr ħlas huma lil membri tal-Kunsill, lil Ambaxxata Ċiniża u ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż u lil Gvern Malti. Il-Kunsill qabel ukoll li kull talba oħra li ssir apparti mill-entitatjiet imsemmija, għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

### *1.1.6 Qtugħ ta’ siġra fi Ġnien is-Serenita’ u żbir ieħor*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar siġra li kien hemm fi Ġnien is-Serenita’ li għalkemm kienet mejta, kienet toffri dehra partikulari u kienet tħalliet hemm mid-disinjaturi Ċinizi tal-Ġnien bħala simbolu tax-xjuħija. Huwa qal li b’dispjaċir jinnota li din is-siġra tqaċtet fuq ordni tas-Sindku u din mhix xi ħaġa li tista iġġib oħra flokha. Is-Sindku qal li jiddispjaċih imma ma kienx infurmat. Huwa qal li kien tkellem mal-Viċi Sindku li kien qallu li kien hemm bżonn issir żabra u ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni dwar is-sinjifikat ta’ din is-siġra partikulari. Huwa sostna li missu kien hemm plakka. Il-Viċi Sindku qal li jekk kien hemm ordni biex issir żabra ma jfissirx li kellha tinqata’ siġra li kienet ilha hemm tlett snin.

Il-Viċi Sindku semma wkoll żbir ta’ siġar li sar quddiem is-*Shopping Centre* u qal dawn is-siġar kienu joffru d-dell għal min ikun fuq il-bankijiet u issa dak id-dell spiċċa. Huwa rrefera wkoll għal qsari dekorattivi li hemm f’Dawret it-Torri fl-*area* tal-Pjazza li ilhom minn qabel is-7 ta’ Lulju mingħajr fjuri.

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal inħawi ta’ Neighbourhood 1 u qalet li l-Oleandri iggoffa ħafna u ġie deċiż li dawn għandhom jiċċeknu biss u mhux jisbruhom u jġibumhom zokk.

Il-Kunsillier Liam Sciberras qal ukoll li hemm bżonn ta’ żbir ta’ siġra f’ Dawret it-Torri li qed tidħol fil-gallarija tan-nies u ssemmiet ukoll lantana fl-istess post li għandha bżonn tinżabar.

### *1.1.7 Ambjent*

Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar l-ambjent in ġenerali u qal li teżisti apatija dwar l-ambjent. Saret referenza għar-ritratti ta’ skart fejn il-*Bring in Site* fi Triq Inez Soler li dehru fuq il-Facebook. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu s-soluzzjoni hija l-*Green Wardens*. Il-Viċi Sindku qal li dawn jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali u rridu naraw x’hini l-proċedura. Huwa qal li biex tagħmel rapport irid ikollok xhud biex tipproċedi. Is-Sindku qal li hu rraporta tlett każi ta’ *overspeeding* u għandu jitla’ jixhed. Dwar l-iskart fejn il-*bring in site* s-Sindku qal li r-rapport sar u l-iskart inġabar it-Tnejn u rriżulta li kien il-kollettur stess li ħalli dak l-iskart.

## *1.2 Mill-Minuti Laqgħa numru 4 Sotto Kumitat Kultura*

### 1.2.1 Ħaddiema u Għamara miċ-Ċina

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li l-kumpanija IPPR li kienet inkarigata mill-proġett ta’ rinovazzjoni ta’ Ġnien is-Serenita’; kienu ser jibagħtu bejn tnejn u tliet ħaddiema biex jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni fuq l-injam kollhu fi Ġnien is-Serenita’. Huwa qal li dawn ser idumu għal perjodu ta’ ħamsa u għoxrin jum u ser jiġu ospitati f’Hostel

f'Ħal Tarxien bil-€15-il euro kuljum. Huwa offra li jsegwi dawn ix-xogħolijiet u ma sab l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill għal din il-proposta.

Il-Viċi Sindku nforma wkoll lil Kunsill li waslitlu l-konferma li l-IPPR laqgħet it-talba tal-Kunsill u ser tħallas għall għamara li għandu bżonn il-Kunsill għad-Day Care Centre għall-anzjani li tikkonsisti f'ħames imwejjed oħra u għoxrin siġġu bħal dawk li hemm diġa. Huwa qal li l-unika spiża għal Kunsill hija dik tat-Trasport miċ-Ċina għal Malta u l-VAT.

### *1.2.2 Attivitajiet tas-27 ta' Settembru 2015*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar programm ta' attivitajiet li ser isiru fis-27 ta' Settembru 2015. Huwa qal li filgħodu ser tiġi ffirmata *Letter of Intent* ma' Gusu fiċ-Ċina. Huwa kompla jgħid li wara nofsinhar ser tittella' esibizzjoni tal-arti minn Gusu fit-*Tea Room*. Huwa qal li din l-esibizzjoni ser tiġi nawgurata miċ-*Chairperson* tal-MTA fl-assenza tal-Ministru tat-Turizmu. Filgħaxija ser jittella' l-Moon Festival b'wirja mill-Yunnan Culture and Arts Troupe li għaliha ser jattendi l-E.T l-Ambaxxatur Ċiniż. Is-Sindku qal li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-avveniment ser jinqasmu bejn il-Kunsill u ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż. Għandu jitħejja programm dettaljat u jintbagħt lil membri tal-Kunsill.

### *1.2.3 Memo 22-2015*

Il-Viċi Sindku irrefera għal *memo* 22-2015 u qal li mhux sew li din inbagħtet tard u minħabba f'hekk hemm anqas żmien biex titħejja l-applikazzjoni għal fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bi żvista din il-*memo* ma ntbagħtitx kif waslet. Hija qalet li ser tkun qed taħdem fuq din l-applikazzjoni flimkien ma' l-Kumitat għall-Kultura u ser tara li l-applikazzjoni għal fondi tiġi sottomessa fil-ħin.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-Sibt 22 ta' Awissu 2015 u il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0776-15-O – Transport Malta – *Proposed alteration to Traffic Island* in Dawret it-Torri

- 0785-15-O – Direttur Dipartiment Għall Gvern Lokali – Skema tal-PPP
- 0836-15-O – Direttur Dipartiment Għall Gvern Lokali - *Letter of Intent* Gusu District

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0755-15-I – Lubriano Italy – *Town Twinning Proposal*
- 0833-15-I – Lubriano Italy - *Memorandum of Understanding*
- 0987-15-I – Lubriano Italy – *Visit to Lubriano*
- 0959-15-I – Ministeru Għat-Trasport u l-Infrastruttura – *New Network-Public Transport*
- 0773-15-I – Residenta – *Yoga Classes*
- 0772-15-I – Residenta – *Art Psychotherapy at the Chinese Garden*
- 0805-15-I – Dipartiment għall Gvern Lokali – *Memo* 22-2015 Skema attivitajiet Kulturali
- 0833-15-I – Lubriano Italy – *Memorandum of Understanding*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 24-2015 -** Proposta ta' *Traffic Light Junction* fi Triq Luqa
  - *Gutters* f'Dawret it-Torri.
- **SLLC Memo 25-2015 -** *Gutters* f'Dawret it-Torri
- **SLLC Memo 26-2015 -** Użu tat-Tea Room għal festin tal-magħmudija

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numri 0755-15-I, 0833-15-I u 0987-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li saret kjarifika minn naħa ta' Lubriano fejn ġie kkonfermat li l-proposta ta' proġett ta' ġemellaġġ għada fis-seħħ. Il-Viċi Sindku qal li qed tiġi organizzata *pre-visit* ta' jumejn fejn hu u s-Sindku ser iżuru dan il-lokal bi

preparazzjoni għal din il-proposta ta' ġemellaġġ. Is-Sur Cutajar qal li Dr Malcolm Borg, li qed jieħu ħsieb il-preparazzjoni tad-dokumenti neċessarji u l-kordinazzjoni kollha fuq dan il-proġett, ser ikun qed jakkumpanja lis-Sindku u lilu fuq din iż-żjara. Huwa qal li Dr Borg ser ikun qed iħallas l-ispejjeż tiegħu relatati mal-passaġġ tal-ajru. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm il-possibilta' li jsiru proġetti fuq livel Regjonali.

**3.2** B'referenza korrispondenza bin-numru 0959-15-I is-Sindku nforma lil Kunsill li kien ser jattendi għall-laqgħa dwar *in-network* il-ġdid tat-trasport pubbliku.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0773-15-I il-Kunsill iddiskuta proposta minn għalliema tal-Yoga li xtaqet tagħmel klassi darba fix-xahar fi Ġnien is-Serenita' bi ħlas. Il-Kunsill qabel li jġib aktar informazzjoni ħalli l-kontribuzzjoni li intalab tkun waħda ġusta u fattibli.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 772-15-I il-Kunsill reġgħa iddiskuta l-proposta għall-użu tal-Ġnien għal servizz ta' *art psycotherapy* u l-kundizzjonijiet marbutin magħha. Il-Kunsill wasal għal konklużjoni li ma jistax jilqa' din it-talba minħabba l-fatt li l-*commitments* mitluba f'din il-proposta ma jistgħux jiġu aċċettati minħabba li attivitajiet li jsiru bi ħlas skond il-*Bye-Laws* li għandu l-Kunsill għal kiri ta' dan il-ġnien ser jiġu ristretti.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0805-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill ser jissottmetti applikazzjoni għal fondi taħt skema għall-attivitajiet kulturali. L-attivita li qed tiġi proposta trid issir fix-xahar ta' Diċembru 2015. Il-Viċi Sindku spjega li l-Kumitat tal-Kultura qed jaħdem biex ittella' esibizzjoni fi Ġnien is-Serenita' li ser iddum 15-il ġurnata bejn is-7 u s-16 ta' Diċembru 2015. Huwa qal li din ser tinvolvi artisti lokali, nazzjonali u internazzjonali b'tema Ċiniża.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0818 -15-O il-Viċi Sindku xtaq ikun jaf għala ntalbet laqgħa ma' l-Onor. Konrad Mizzi. Is-Sindku wieġeb li xtaq jiltaqa' miegħu bħala Ministru fid-Distrett li minnu tagħmel parti l-lokalita' ta' Santa Luċija.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Street Sweeping and Cleaning Fixed Weekly Plan*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat quddiem il-Kunsill *fixed weekly plan* dwar il-knis u tindif ta' toroq f'Santa Luċija. Hija qalet li din il-*work plan* tistabillixxi l-frekwenzi kif ukoll il-ġranet li bihom jitnaddfu u jinkinsu t-toroq f'Santa Luċija. Hija qalet li l-iskop ta' din il-*Work Plan* huwa li din tkun tifforma parti mid-dokument tal-offerti għal dan is-servizz. Dan jgħin biex il-kuntratturi jkunu jafu minn qabel dak li jrid il-Kunsill fuq dan il-kuntratt u kulħadd jitfa' l-offerta tiegħu fuq l-istess pjan ta' ħidma u dan ser jgħin lil Kunsill fid-deċizjoni tiegħu. Ġie nutat ukoll lir-residenti ser ikunu jafu liema ġurnata tinkines it-triq fejn joqgħodu u jkunu viġilanti. Ġie suġġerit li dan il-*Fixed Work Plan* jiġi ppublikata flimkien ma' kalendarju fit-tmiem is-sena u titqassam lir-residenti kollha.

### *4.2 Basic First Aid Course*

Is-Sindku qal li qed jipproponi li jiġi organizzat kors tal-*Basic First Aid* għar-residenti bi ħlas. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż f'dan ir-rigward u min jixtieq jipparteċipa għandu jħallas mill-ewwel peress li biex isir dan il-kors irid ikun hemm numru minimu ta' għaxra min-nies. Il-Kunsill qabel ukoll li f'dan il-kors issir referenza għad- *defibrilator* u n-nies li jattendu l-kors jingħataw struzzjonijiet dwar kif jintuża.

### *4.3 Bankina u Rampa ta' Garaxx fi Triq Kaħwiela*

Il-Kunsill iddiskuta talba ta' resident li qed jitlob li jagħmel alterazzjoni fil-bankina quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ir-resident jintalab jippreżenta *sketch* mill-perit tiegħu u jindika eżatt x'qed jipproponi b'mod tekniku u dettaljat.

### *4.4 Bankina fi Triq l-Istefanotis*

Il-Kunsill iddiskuta talba ta' residenta li qed titlob li titbaxxa l-bankina quddiem il-garaxx tagħha. Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-perit dwar din il-proposta.

### *4.5 Żjara fil-Ġnien Ċiniż*

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-talba li qed issir mill-Kunsill ta' B'Kara biex jinġiebu grupp ta' residenti jżuru l-Ġnien Ċiniż u jiżiraw siġra bħala donazzjoni ta' apprezzament lil Kunsill ta' Santa Luċija.

### *4.6 Triq Klematis*

Il-Viċi Sindku qal li għandha terġa tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta dwar il-problemi strutturali fi Triq Klematis. Huwa qal li l-perit tal-Kunsill kien ħejja rapport dwar din it-Triq liema rapport diġa nbagħt lil Transport Malta.

### *4.7 Parking Bays*

Il-Kunsill qabel li l-*parking bays* fi Triq Maria De Domenicis jitwessu ftit. Issemiet l-introduzzjoni ta' *Blue Bays* iżda ma kienx hemm qbil peress li dan seta' joħloq preċedent.

### *4.8 Safra għal Ġurnata fi Sqallija*

Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joe Bonello infurmaw il-Kunsill li kienu ser jorganizzaw safra ta' ġurnata fi Sqallija fix-xahar ta' Ottubru 2015.

### *4. 9 Ħaddiem taħt l-Iskema CIES*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaddiem taħt l-iskema ta' CIES qed jistaqsi x'ser isir wara li jagħlaq il-kuntratt ta' tlett snin li għandu mal-Kunsill taħt din l-iskema. Il-Kunsill qabel li jimxi mal-istruzzjonijiet li kien ħareġ id-Dipartiment f'dan ir-rigward.

### *4.10 Attivitajiet Oħra*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet ser issir attivita' minn Fusco Hairdressing Salon b'risq Puttinu Cares. Huwa qal li din ser issir nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru 2015 fi Pjazza 7 ta' Lulju.

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa għal rendikont tal-flus li nġabru mill-attivita' taċ-*Chinese Food Festival*. Il-Viċi Sindku qal li importanti li l-Kunsill ikun infurmat.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-bottijiet li fihom inġabru d-donazzjonijiet ser jerġu jintużaw waqt l-attivita' tal-Fusco u jingħadd kollox f'daqqa.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5738 sa numru BOV 5755 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-18 ta' Awissu 2015 u l-31 ta' Awissu 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 05-15(21-08-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Awissu 2015 Ammont *Gross* € 4419.53.

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv.Awissu 15 | 366.93 |
| ELC.LTD | PKG 57 | Serv.Awissu 15 | 2061.50 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv.Awissu 15 | 1983.72 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.Awissu 15 | 1024.25 |

### 5.4 *Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €133.12 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Awissu 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. PROPOSTI GĦAL BUSINESS PLAN 2016-2018

Il-Kunsill iddiskuta proposti ta' proġetti u xogħolijiet li jista jiġu nkluzi fil-Business Plan għat-tlett snin li ġejjin. Il-Kunsill innota li diġa hemm proġetti tal-Kunsill li għadhom ma sarux u qabel li l-Kunsill ikompli fuq li hemm filwaqt li jżid proġetti ġodda biex jindirizza l-bżonnijiet fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jisma' il-proposti tar-residenti f'dan ir-rigward. Bħala xogħolijiet ġie propost li f'dawn it-tlett snin il-Kunsill jibda eżerċizzju li fih it-tarf tal-bankini ssir imżerżaq għal benefiċċju ta' nies li jużaw is-siġġu tar-roti.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tħejji l-*budget projections* għat-tlett snin li ġejjin biex fuqhom titħejja l-Business Plan.

## 7 PROPOSED TRAFFIC JUNCTION FI TRIQ ĦAL LUQA

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' Traffic Light Junction fi Triq Ħal Luqa. Pjanta ta' din il-proposta ġiet ippreżenta waqt din il-laqgħa. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk din il-proposta kienetx tal-Kunsill jew ta' Trasport Malta. Is-Sindku wieġeb li din kienet il-proposta tal-Kunsill li ġiet żvilupata b'mod aktar professjonali minn Trasport Malta.

Tkellem il-Kunsillier Liam Sciberras li semma proposta oħra ta' kif tista' tiġi indirizzata l-problema tal-ħrug minn Santa Lucija għal fuq ir-*roundabout*. Huwa qal li tista tiġi ntrodotta sistema ta' *sensors* li tintuża anki fl-Ingilterra. Huwa ta' spegazzjoni kif dawn jistu jiġu kordintati mad-dwal fi Triq tal-Barrani.

Fir-rigward tal-proposta tat-*Traffic Lights Junction* il-Kunsill qabel li jsiru dawn l-emendi:

- Dawret it-Torri tibqa *two way* kif inhi bħalissa
- Triq Begonia tinqaleb u d-dħul isir minn naħa ta' Dawret it-Torri u toħroġ minn Vjal Oleandri biex it-traffiku jiċċirkola madwar il-*Football Ground*.

Transport Malta għandha tiġi nformata dwar il-proposti li qabel fuqhom il-Kunsill.

## 8. TENDER REF: RM/PF(57-15-02)

Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss peress li l-perit tal-Kunsill għadu ma lestiex l-*adjudication report* fir-rigward tal-offerti li ntefgħu għal din is-sejħa.

## 9. FTEHIM BEJN ID-DIPARTIMENT TAL-KURA PRIMARJA TAS-SAĦĦA U L-KUNSILL TA' SANTA LUĊIJA DWAR ID-DEVOLUZZJONI TAL-BERGA.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat *draft* ta' ftehim bejn id-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa u l-Kunsill ta' Santa Luċija dwar id-devoluzzjoni tal-berġa. Il-Kunsill innota wkoll stima ta' xogħolijiet relatati mar-*refurbishment* u *upgrading* tal-berġa li huma neċessarji biex ikun jista' jerġa jibda jingħata servizz minn dan il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hija stima bbażata fuq diversi kwotazzjonijiet li l-Kunsill qed jiġbor f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li biex jidħol għal din id-devoluzzjoni il-berġa trid l-ewwel tiġi *upgraded* u l-Kunsill irid jingħata l-fondi neċessarji fl-allokazzjoni biex ikun jista' jidħol għall-impenji msemmija fil-ftehim fosthom għal kera tal-post, ħlasijiet ta' dawl u ilma u manutenzjoni tal-berġa.

## 10 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fil-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015 fit-3.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,...... ta' ...................… 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**